MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2009

Numru 1017/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J Farrugia)**

**Versus**

**Warren Azzopardi**

**Il-Qorti**

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Warren Azzopardi ta' 39 sena bin Norman u Carmen Zammit, imwieled il-Floriana fl-1 ta' Marzu 1965 u joqgħod 'Peppina' Triq il-Latmija, Salini jew Dhalia Offices Cobalt hOuse 1st Floor Notabile Road Imrieħel ID Card No 170265 (M)

Akkużat talli fis-7 ta' Settembru 2004 għall-ħabta tas-14.20 fi Triq Salvu Psaila Birkirkara

(1) ħebb għal Joe Borg;

(2) U aktar talli kkaġunalu feriti gravi hekk kif iċċertifka d-dentist Dr Carmel Galea Bonavia u Dr Simone Zammit MD tal-Casualty Department tal-Isptar ta’ San Luqa;
(3) U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b’għajjat u ġlied.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid 1702 tal-1965, il-fedina penali tal-imputat (fol 3 et), l-istqarrija tal-imputat (fol.15), iċ-ċertifikat mediku (fol 24), ir-ritratti a fol 25, iċ-ċertifikat mediku a fol 28(a), id-digriet mogħti mill-Qorti fl-14 ta’ Diċembru 2004, il-ħatra ta’ Dr.Dino Vella Briffa sabeix jeżamina l-ġrieħi ta’ Joseph Borg (fol 58), ċ-ċertifkat tal-istess espert a fol 64 u r-ritratt a fol 74 u dd-igriet mogħti fid-19 ta’ Novembru 2008..

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

4. Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

5. L-Ispettur Kevin Farrugia xehed li fis-7 ta’ Settembru 2004 il-Pulizija tal-Għassa tga’ Birkirkara marret fi Triq Salvu Psaila Birkirkara fejn sabet persuna feruta b’xi ġrieħi f’wiċċha. L-imputat kien fuq il-post u għarraf lill-Pulizija li kellu problema tal-business ma’ ċertu Joe Borg. L-imptutat qal li Joseph Borg kien daħal fil-post tax-xogħol ta’ fejn kien jaħdem l-imputat u ħebb għall-imputat. L-imputat qal li pprova jiddefendi ruħu. L-inċident kien ġara fl-uffiċċju tad-Dhalia.

**L-Istqarrija tal-Imputat - 25 t’Ottubru 2004**

6. L-imputat stqarr li Joseph Borg kien xtara propjeta’ f’Birkirkara. Joseph Borg kien ferm irrabjat li kien qed itul iż-żmien biex joħorġu l-permessi u darba kien ċempel u hedded lill-imputat li hu (Joseph Borg) kien ser ixoqqu.

(Fol 15). Dak in-nhar l-allegat vittma kien ċempel lill-imputat u dan Joseph Borg offendieh u heddu. Kien ukoll ċempel il-perit Bondin li wkoll qal li kien mhedded u offiż minn Joseph Borg. (Fol. 16). L-imputat kien mgħarraf minn Mark Gauci, li jaħdem fil-fergħa ta' Ħal-Balzan, li għarraf lill-imputat li Joseph Borg kien mar Ħal-Balzan ifittex lill-imputat u beda jgħajjat. Joseph Borg kien ukoll hedded lill-ħaddiem l-oħra biex ma jċemplux lill-imputat.

7. Sadanittant Joseph Borg kien wasal Psaila Street u beda jħabbat fuq il-bieb tal-ħġieġ. L-imputat ħareġ biex jikkalma lil Joseph Borg li, allegatament, kien xurban.

8. Joseph Borg ħataf lill-imputat mill-qmis ipprova jigdem lill-imputat f'wiċċu.

9. L-imputat isswipjah b'saqajh u waqqgħu wiċċu fl-art.

10. Joseph Borg ipprova jqum u l-impujtat tah daqqa f'imnieħru.

11. L-imputat ordna li ssir telefonata lill-Pulizija waqt li Joseph Borg ipprova jidħol.

**Xhieda tal-allegat vittma**

7. Joseph Borg xehed li kien inqala' argument fuq it-telefon mal-imputat dwar propjeta' li kien xtara x-xhud minn għand is-soċjeta' Dhalia. L-imputat kien resaq viċin lejn ix-xhud u ppanċjah. Ix-xhud waqa' fl-art u ntelif minn sensih.

8. Joseph Borg spjega li kif l-imputat resaq ma' wiċċu, ix-xhud **imbuttah b'rasu**. (fol 19). Jekk l-imputat kien black belt ix-xhud ma setax jirrikonoxxi dik il-ħeffa. L-imputat baqa' jagħtih meta x-xhud kien mal-art (fol 19). Kissirlu mnieħru, xelliflu snienu, għamillu gundalli wara u quddiem u żewġ black eyes. Huwa nnega li ien għamel xi ħaġa lill-imputat meta mar biex ikellmu. (fol 20). Kien l-imputat li resaq lejn wiċċu.

**Iċ-Ċertifikat mediku**

9. Iċ-ċertifikat jiddeskrivi l-ġrieħi hekk:
'Head Injury with loss of consciousness. Haematoma R side forehead
Trauma nose with swelling

ENT

No fracture o nasal bones.
Nature of injuries – grievous.'[1]

**Xhieda tad-Dentist (fol 34)**

10. Id-dentist Carmel Galea Bonavia eżamina lill-imputat fit-13 ta' Settembru 2004. Huwa sab tixlifa żgħirfa fix-xifer tas-snien ta' quddiem nett tax-xellug u tal-lemin u tixlifa żgħira fis-sinna ta' isfel tax-xellug – tnejn ta' fuq u waħda t'isfel. (fol 35). Huwa kien illixxja dawn is-snien biex ma joqogħdux idejqu lill-imputat. It-tixlifa kienet saret reċenti ma' daqqa. (Fol 36) Ma kenitx tidher ħsara gravi.

**Xhieda ta' Dr Simone Zammit (fol 53)**

11. Dr Simone Zammit xehdet li kienet hi li ffirmat iċ-ċertifikat u li ddeskriviet il-ġrieħi bħala gravi. Hija ma kellhiex in-noti maħgha u qalet li kient kitbet hekk għax is-soltu jekk ikun hemm 'trauma to the face which could leave some scars, it is grevous'. Hija kompliet tgħid 'Head injkury as such with loss of consciousness does not signify grevious as such.' (fol 54). Hija kienet irrefeeit lill-allegat vittma lill-ENT sabiex tkun żgura li ma hemmx ksur fl-iomnieħer. Aktarx li kien 'punched in the face'

**It-Tieni Xhieda ta' Joseph Borg (fol 59)**

12. Joseph Borg qal li hu kien għadu qed ikun segwit minn tabib miħabba d-daqqa ta' fuq xufftejh. (Ara ritratti 3 et seq).

**Ix-xhieda ta' Dr Dino Vella Briffa (fol 69 et)**

[1] Ara x-xhieda ta' Dr Simone Zammit (fol 53)..

13. Dan l-espert eżamina l-ġerħa fuq in-naħa tax-xellug tax-xoffa ta' fqu. Din kienet inħietet mid-dipartiment tal-emerġenza fl-Isptar San Luqa. Ġimgħa wara nqatgħu l-punti. Meta kien eżaminat fil-21 ta' Marzu 2006, 'kienet tilfet kważi għal kollox il-linjament tax-xoffa ta' fuq'.(kif jidher mir-ritratt ippreżentat (a fol 74). Tant li Jospeh Borg kellu appuntament biex ix-xoffa tkun operata minn plastic surgeon.

14. Fil-kontro-eżami x-xhud kompla jsostni li d-difett kien għadu jidher. (fol 71u 72) Jista' jirranġa bil-palstic surgery. (fol 72).

**L-Artikoli tal-Avukat Ġenerali**

**15. L-Avukat Ġenerali bagħat l-artikoli segwenti:**

**339(1)(d), 214, 216 , 221 u 533 tal-Kap 9.**
Dawn inqaraw fit-12 ta' Ġunju 2006 , il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-provi kienu magħluqa u l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-kawża titkompla bi proċeduri sommarji.

**Xhieda Difiża**

**Xhieda tal-imputat**

16. Xehed l-imputat fit-3 t'Ottubru, 2007. Huwa qal li kien hemm konvenju bejnu u bejn Joseph borg miftuħ għal sentejn u nofs u kien suġġett għall-permessi mill-Mepa. Joseph Borg beda jċempel dwar il-konvenju. Fil-jum tal-inċident, Joseph Borg kein ċempel lill-imputa u heddu u beda jidgħi. (fol 87). Qallu wkoll li kien lest lijmur ixoqqu. Kien ċempillu Mark Gauci u nfurmah li kienet marret persuna rrabjata għalih u kien hedded lill-istaf ukoll jekk dawn iċemplulu.

17. Joseph Borg mar fl-uffiċċju ta' Psaila Street u beda jagħti fuq il-ħġieġ. L-imputat niżel għalih u qabad lil Joseph Borg minn idejh. Dan ipprova jigdem wiċċ l-imputat u l-imputat isswipjah mal-art. X#ħin kien tiela' mill-art l-imputat fajjar xi daqqa jew tnejn oħra b'diejh u b'saqajh għaliex l-imputat kien qed jibża' minn Joseph Borg. Imbagħasd saret telefonata lill-Pulizija li ħaduh l-Isptar. L-imputat qal li għamel żmien jipprattika l-ġudo. Huwa ma kienx talab assistenza mill-Pulizija għaliex ma basarx li Joseph Borg kien ser imur għalih. Baqa' jinsisti wkoll li huwa ien mar l-ufficju tiegħu għaliex ried jiddefendi lill-impjegati tiegħu.

**Xhieda Oħra tad-difiża**

18. Xehdet ukoll Elaine Cuschieri li kkonfermat bil-ġurament li Joseph Borg kien qalilha biex ma tgħarrafx lill-imputat li hu (Joseph Borg) kien sejjer fl-uffiċċju ta' Birkirkara.Kien jidher irrabjat ħafna.

19. Xehdet Sandra Grech li qalet li kienet rat raġel iħabbat fuq il-bioeb tal-ħġieġ u l-impujtat kien niżel u qabdu u żammu minn idu. Huwa daħal jiġri u f'daqqa waħsda rat lill-imputat ġej u qalilha biex iċċempel lill-Pulizija. L-imputat kien spiċċa bil-qmis imqatta'.

20. Saret it-trattazzjoni li hija reġistrata.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Punti Legali**

21. Il-Qorti diġa' spjegat fid-dettal fid-digriet tagħha mogħti fl-14 ta' Diċembru 2004 (fol 29) dwar il-kwistjoni jekk feriti humiex ħfief jew gravi. Saret referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) 'Il-Pulizija versus Joseph Muscat' tal-10 ta' Ġunju 1994 kif preseduta minn dak li llum huwa l-Prim Imħallef:

***'Jekk offiżi fuq il-persuna humiex ħfief jew gravi jew gravissimi hija kwistjoni ta' fatt li ma tirrikjeduix neċessarjament id-depożizzjoni ta' tabib.'***

22. Kif ukoll għas-sentenza 'Il-Pulizija versus Fortunato Sultana' tal-5 ta' Frar 1998 (Appell Inferjujri) fejn l-istess Imħallef qal:

***'Skond l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9, l-offiża fuq il-persuna hija gravi jekk, fost ċirkostanzi orħa, din iġġib sfreġju fil-wiċċ. Il-Liġi ma tirrikjedix lid an l-isfereġju jipperdura għal xi żmien partikolarai. Sfreġju fil-wiċċ jew fil-għonq jew f'waħda mid-dirgħajn imqar għal ftit ġimgħat jibqa' sfreġju għall-finijeit tal-imsemmija dispożizzjoni. Il-permanenza tal-isfreġju hi relevanti biss meta , abbinata mal-gravita' tagħti lok għal hekk imsejjħa 'offiża gravissima' skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kap 9.'***

23. L-artikolu 216 huwa ċar dwar dan kollu għax jgħid hekk:

'L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tleit xhur sa tliet snin:

(b) jekk iġġib manakament jew sgreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;'

24. Dan l-artikolu mkien ma jikkwolifika dan is-subinċiż. Isegwi għalhekk li wkoll jekk tabib jiċċertifika li ġrieħui huma ħfief, xorta wieħed jista' jinstab ħati ta' ġrieħi gravi. L-ottika tal-Liġi mhix l-istess waħda bħal dik tal-prattikant tal-mediċina.

25. Ġaladarba l-Avukat Ġenerali ma tax la-rtikolu 218, lanqas kien hemm lok sabeix joqgħod jerġa' jidher l-allegat vittma sabiex il-Qorti stess tara jekk il-ġerħa fuq ix-xufftejn kentix permanenti jew le.

26. Huwa skorrett li tgħid li għax sfreġju jkun fieq allura m'hemm ebda ksur tal-artikolu 216 jew li l-ġrieħi kienu ħfief. Kemm huwa fallaċi dan l-argument jidher mill-eżempjmu segwenti. Wieħed jagħti daqqa ta' sieq lil ħadd ieħor u dan il-ħaddieħor jsipiċċa b'saqajh jew b'idejh

miksura. Tassew li l-mediċina tipprovdi rimedju għal dan iża ma jfissirx li l-ġrieħi kienu ħfief. Ebda artikolu tal-Liġi ma jgħid li ġerħa hija ħafifa għax tista' titfejjaq jew għaliex jista' jsir il-plastic surgery li taħbi d-difett.

**Il-Fatti**

27. Mill-fatti jirriżulta li l-allegat vittma spiċċa bi sfreġju f'xofftejh u kellu tliet sinniet imxellfin. Kien hemm ukoll xi tbenġil u loss of consiousness.

28. Skond l-artikolu 216, l-isfreġju fix-xoffa kif ukoll it-tixlif tat-tliet sinniet offiża gravi. l-ttbenġil jaqa' taħt l-artikolu 221.

29. Mill-atti tal-proċess jirriżult li l-imputat tab is-sieq u bil-ponn lill-allegat vittma. L-imputat isswipja lill-allegat vittma li spiċċa mal-art u ttieħed l-isptar.

30. Fil-fehma tla-Qorti m'hemm ebda dubju dwar ir-rabta bejn dawn il-ġrieħi u dawk li kienu ppruvati li sofra l-allegat vittma. Il-provi saru permezz tar-ritratti, taċ-ċertifikati u tax-xhieda li nstemgħu.

31. L-imputat jallega li għamel hekk għax kien ipprovokat. Il-Qorti temmen li l-allegat vittma ta daqqa ta' ras lill-imputat ukoll jekk jallega li l-imputat ressaq wiċċu lejn wiċċu. Temmen ukoll li l-imputat kien mhedded verbalment mill-allegat vittma.

**Ġustifikazzjoni jew skużanti**

32. Il-Qorti eżaminat l-artikoli 223 u 224. L-ewwel artikolu (l-artikolu 223) huwa dwar il-legittima difeża ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor. Bir-rispett kollu, ma jidhirx li l-imputat kien ġustifikat li ġab ruħu kif jirriżulta mill-atti mal-allegat vittma. Imqar jekk kien hemm it-theddid verbali u daqqa ta' ras tal-allegat vittma l-imputat, l-aġir tal-imputat żgur mhux ġustifikat dato iċ-ċirkostanzi kollha.

33. Lanqas ma jista' l-imputat joqgħod fuq xi waħda mill-bażijiet tal-leġittima difeża mogħtija fl-artikolu 224.

34. Isegwi li l-aġir tal-imputat mhux ġusitifkat.

35. Il-Qorti eżaminat ukoll l-artikolu 227,(d), 230(d) u 233(1)(a) li jaqgħu taħt is-sub-Titolu V intitolat ‘Fuq l-Iskużi tad-Delitti msemmijin taħt is-sub-titoli ta’ qabel dan l-artikolu’. Hawn il-Qorti ssib skużanti taħt is-sub-inċiż (d) tal-arftikolu 227 ( iżda mingħajr l-applikazzjoni tal-proviso).

36. Isegwi li japplika l-artikolu 233(1)(a):

‘fil-każ ta’ offiża gravi, il-piena ta’ priġunerija għal żmien mhux aktar mit-terz tal-piena stgabbilita għad-delitt mingħjr skuża.’

37. Il-provi ħfief (it-tenġil) ai termini tal-artikolu 221 huma ppruvati wkoll. Japplika l-artikolu 221(3)(b) – il-pieni tal-kontravenzjonijiet.

## Konklużjoni

38. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 339(1(d), 214, 216(1)(b), u 221(3)(b), qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontrih waqt li qed tilliberah mill-ewwel imputazzjoni (għaliex l-artikolu 339(1)(b) m’għandu x’jaqsam xejn mal-fatti tal-każ)[2]u mit-tielet imputazzjoni dedotta kontrih (għax ma kienx ippruvat li sar xi ġlied barra t-triq).

39. Il-Qorti, wara li rat il-fedina penali tal-imputat kif ukoll l-artikolu 28A tal-Kap 9, qed tikkundanna lill-imputat għal disa’ xhur priġunerija li għandhom ikunu sospiżi għal tliet snin mil-lum. Il-Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenzi tal-artikolu 28A lill-imputat fi kliem sempliċi.

## MAĠISTRAT

[2] 339(1)(b) : ‘mikngħjr ma jiddrob jew isawwat, ihedded bil-ġebel jew bi ħwejjiġ oħra ibsin, jew iwaddabhom, jew jaqbad armi oħra kontra n-nies.’

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------